MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 423/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Camilleri Mary**
**ID-619330(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha taghti lill-istess Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija, tnejn u sebghin ewro, sebgha u hamsin centezmu (€472.57c) in konnessjoni ma' 79332682 (AC40176537), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Mejju, 2011.

Illi s-somma ta' erba' mija, tnejn u sebghin ewro, sebgha u hamsin centezmu (€472.57c) fuq indikata hija komposta minn mitejn, tlieta u tmenin ewro, sebgha u hamsin centezmu (€283.57c) dovuti in konnessjoni mas-servizz u

dan skont Dokument ‘A’ anness, flimkien ma’ mija, disgha u tmenin ewro (€189.00) dovuti bhala penali skont il-kuntratt anness u mmarkat bhala Dokument ‘B’.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2601/12 u bl-imghaxijiet mill-1 ta’ Novembru, 2012, datata tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gew mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.A sa D.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u dan minkejja l-fatt illi inghatat il-fakolta’ li tipprezenta tali risposta wara li kien  skada t-terminu.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta’ erba’ mija, tnejn u sebghin ewro, sebgha u hamsin centezmu (€472.57c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------